31983D0402

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-29 ta' Lulju 1983
fuq il-lista ta' stabbilimenti fi New Zealand approvati għall-finijiet ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità

(83/402/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 fuq problemi ta' spezzjoni ta' saħħa u veterinarji fuq l-importazzjoni ta' annimali bovini, majjal u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 83/91/KEE [2], u partikolarment Artikoli 4(1) u 18 (1) (a) u (b) tagħha,

Billi stabbilimenti f'pajjiżi terzi ma jistgħux ikunu awtorizzati li jesportaw laħam frisk lill-Komunità jekk ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ġenerali u speċjali preskritti fid-Direttiva 72/462/KEE;

Billi n-New Zealand bagħtet, skond Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, lista ta' stabbilimenti awtorizzati li jesportaw lill-Komunità;

Billi żjajjar fuq il-post mill-Komunità wrew li standards ta' iġene f'ħafna minn dawn l-istabbilimenti huma biżżejjed u għandhom għalhekk jiddaħħlu fuq l-ewwel lista, stabbiliti skond Artikolu 4(1) ta' l-imsemmija Direttiva, ta' stabbilimenti minn fejn tista tkun awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk;

Billi l-każ ta' stabbilimenti oħra proposti min-New Zealand irid ikun eżaminat fuq il-bażi ta' informazzjni addizzjonali rigward l-istandards ta' iġene tagħhom u l-abbiltà tagħhom li jadattaw malajr għal-leġislazzjoni Komunitarja.

Billi, fil-frattemp u biex tkun evitata kull interuzzjoni f'daqqa tal-flussi tal-kummerċ eżistenti, dawn l-istabbilimenti jistgħu jkunu awtorizzati temporanjament li jkomplu l-esportazzjonijiet tagħhom ta' laħam frisk lill-dawk l-Istati Membri preparati li jaċċettawhom;

Billi ser ikun meħtieġ għalhekk li tkun rieżaminata u, jekk hemm bżonn, emendata din id-Deċiżjoni fid-dawl tal-miżuri meħuda għal dan l-iskop u t-titjib magħmul;

Billi l-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti li jidhru fuq il-lista annessa ma din id-Deċiżjoni tibqa' soġġetta għad-dispożizzjonijiet preskritt f'postijiet oħra u għad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat; billi, partikolarment, l-importazzjoni minn pajjiżi terzi u r-riesportazzjoni lill-Stati Membri oħra ta' ċertu kategoriji ta' laħam, bħal-laħam li jiżen anqas minn tliet kilogrammi, jew ta' laħam li jkollu fdalijiet ta' ċerti sostanzi li għadhom mhumiex koperti bir-regoli Komunitarji jew b'regoli li jridu aktar armonizzazzjoni, tibqa soġġetta għal-leġislazzjoni tas-saħħa ta' l-Istat Membru importatur, waqt li tirrispetta d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-istabbilimenti fin-New Zealand elenkati fl-Anness huma b'dan approvati għall-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità bis-saħħa ta' l-imsemmi l-Anness.

2. Importazzjonijiet mill-istabbilimenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu soġġetti għad-dispożizzjonijiet veterinarji Komunitarji preskritti f'postijiet oħra.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu laħam frisk ġej minn stabbilimenti li ma jkunux dawk elenkati fl-Anness.

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 59, tal-5.3.1983, p. 34.

2. Iżda, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorizzaw sat-30 ta' April 1984 importazzjonijiet ta' laħam frisk ġej mill-istabbilimenti li mhumiex elenkati fl-Anness imma li kienu ġew uffiċjalment approvati u proposti mill-awtoritajiet tan-New Zealand mit-30 ta' Marzu 1983 bis-saħħa ta' Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, kemm-il darba ma tittieħedx deċiżjoni kontrarja, skond Artikolu 4(1) ta' l-imsemmija Direttiva, qabel l-1 ta' Mejju 1984.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-lista ta' dawn l-istabbilimenti lill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Ottubru 1983.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta u jekk meħtieġ emendata qabel l-1 ta' Frar 1984.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-29 ta' Lulju 1983.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

LIST A TA' STABBILIMENTI

Nru approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz
	I. LAĦAM BOVIN	
	B. **BIĊĊERIJI U STABBILIMENTI TAT-TQATTIGĦ**	
ME 14	Waitaki-NZ Refrigerating Ltd	Christchurch
ME 15	The Canterbury Frozen Meat Co. Ltd	Belfast
ME 21	Southland Frozen Meat Ltd	Mataura
ME 22	Southland Frozen Meat Ltd	Makarewa
ME 24	Hellaby Shortland Ltd	Otahuhu
ME 26	Waitaki-NZ Refrigerating Ltd	Balclutha
ME 34	The Canterbury Frozen Meat Co. Ltd	Pareora
ME 50	Alliance Freezing Co. (Southland) Ltd	Invercargill
ME 56	Auckland Farmers Freezing Co-op Ltd, Rangiuru	Te Puke
ME 63	Farmers Meat Export Ltd	Whangarei
ME 66	Phoenix Meat Co. Ltd, Kokiri	Greymouth
ME 69	Ashley Meat Export Ltd	Christchurch
	B. **Stabblimenti ta' tqattigħ**	
MPH 50	Crown Meats Ltd	Feilding
MPH 52	Dawn Meat (NZ) Ltd	Hastings
MPH 53	W. Richmond Ltd	Hastings
MPH 56	W. Richmond Ltd	Hastings
MPH 63	Primex Meats Ltd	Wellington
MPH 69	Dawn Meat (NZ) Ltd	Hastings
MPH 72	Kellax Foods Ltd	Auckland
	II. LAĦAM TAN-NGĦAĠ	
	A. **Biċċeriji u stabbilimenti ta' tqattigħ**	
ME 1 (1)	Borthwick CWS Ltd	Masterton
ME 6	Borthwick CWS Ltd	Longburn
ME 8 (1)	Gisborne Refrigerating Co. Ltd	Gisborne
ME 14	Waitaki-NZ Refrigerating Ltd	Christchurch
ME 17	Waitaki-NZ Refrigerating Ltd	Timaru
ME 20	Ocean Beach Freezing Co. Ltd	Ocean Beach
ME 21	Southland Frozen Meat Ltd	Mataura
ME 22	Southland Frozen Meat Ltd	Makarewa
ME 26	Waitaki-NZ Refrigerating Ltd	Balclutha
ME 34	The Canterbury Frozen Meat Co. Ltd	Pareora
ME 37	Canterbury Frozen Meat Co. (Canterbury) Ltd	Belfast
ME 50	Alliance Freezing Co. (Southland) Ltd	Invercargill
ME 56	Auckland Farmers Freezing Co-op Ltd, Rangiuru	Te Puke
ME 58	Hawkes Bay Farmers' Meat Co. Ltd	Takapau
ME 60	Pacific Freezing NZ Ltd	Dannevirke
ME 65	AML Meats Ltd	Gisborne
ME 69	Ashley Meat Export Ltd	Christchurch

(1) Interjuri esklużi.

Nru approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz
	B. **Biċċeriji**	
ME 16	The Canterbury Frozen Meat Co. Ltd	Ashburton
ME 41	NCF Kaiapoi Ltd	Kaiapoi
	Ċ. **Stabbilimenti tat-tqattigħ**	
MPH 39	Defiance Processors Ltd	Dunedin
MPH 42	Fresha Products Ltd	New Plymouth
MPH 45	Canterbury Frozen Meat Co. Ltd	Harewood
MPH 50	Crown Meats Ltd	Feilding
MPH 52	Dawn Meat (NZ) Ltd	Hastings
MPH 53	W. Richmond Ltd	Hastings
MPH 54	Ashley Meat Export Ltd	Christchurch
MPH 56	W. Richmond Ltd	Hastings
MPH 57	NZ Primary Processors Ltd	Mt Maunganui
MPH 63	Primex Meats Ltd	Wellington
MPH 69	Dawn Meat (NZ) Ltd	Hastings
MPH 72	Kellax Foods Ltd	Auckland
MPH 74	Canterbury Meat Packers Ltd	Ashburton
	III. MĦAŻEN IMKESSĦA	
S 1	Timary Harbour Board Cool Store	Timaru
S 2	Auckland Farmer's Freezing Co-op Ltd	Whangarei
S 10	Otago Dairy Producers Cool Storage Ltd	Dunedin
S 11	South Canterbury Co-op Cool Storage Ltd	Timaru
S 17	Cool Hire Storage Ltd	Dunedin
S 25	Dawn Meat (NZ) Ltd	Hastings
S 28	Cool Stores(NZ) Ltd	Auckland
S 30	N. O. Pierson Ltd	Christchurch
S 31	Pacific Cold Storage Co. Ltd	Mt Maunganui
S 32	Taranaki Producers Freezing Ltd	New Plymouth
S 33	Christchurch Airport Authorities	Christchurch
S 34	Coolpak Prebbleton Ltd, Prebbleton	Christchurch
S 35	Nelson Cold Storage Co-op	Nelson
S 36	Cold Storage (Bay of Plenty) Ltd	Te Puke
S 39	Christchurch Cool Stores Ltd	Christchurch
S 40	Southland Harbour Habour Board	Bluff
S 41	Eljays Ice Box	Feilding
S 42	Wellington Cold Storage Co.	Tawa
S 45	Wairarapa Cold Storage	Greytown
S 47	Polar Cold Storage, Hornby	Christchurch
S 49	Chill Air Ltd	Aucklandi Nemzetközi Repülotér
S 51	Kiwi Fruit Cool Store Co-op	Gisborne
S 53	Otaki Cold Store	Otaki
S 55	Airport Cold Storage Ltd	Wellington
S 57	Air in-New Zealand	Aucklandi Repülotér
S 58	Cool & Cold Storage Associated Ltd	Te Puke
S 59	Richmond Cool Stores (1963) Ltd, Manchester Street	Hastings
S 60	Export Cool Storage	Mt Maunganui
S 61	Coolpak Cool Stores Ltd	Timaru

Nru approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz
S 63	Mogal Cool Stores Ltd	Christchurchi Repülotér
S 66	Mogal Cool Stores Ltd	Aucklandi Repülotér
S 68	Freezer Flow, Mt Wellington	Auckland
S 70	Freezer Stores Hawkes Bay Ltd	Hastings
S 72	Motueka Coldstorage	Motueka
S 73	LEP International, Mangere	Auckland
S 75	Amaltal Coolstores & Exporters Ltd	Nelson
S 84	Polar Cold Storage Ltd	Dunedin
S 86	Tai-Tapu Dairy Co. Ltd	Christchurch
S 87	Homebush Berryfruits	Masterton
S 88	Hawkes Bay Export Cold Stores Ltd	Napier
S 89	R. & W. Hellaby Ltd	Mt Wellington
S 90	Waitaki-NZ Refrigerating Ltd	Blenheim
S 91	Southland Frozen Meat Ltd	Mataura
S 92	Food Freezing Partnership	Havelock North
S 93	Air in-New Zealand	Christchurch
S 95	McCallum Industries Ltd	Patea
S 96	Townsend & Paul Ltd	Napier
S 97	J. Wattie Canneries Ltd	Gisborne